**Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2010/C 196/04)

**Għajnuna Nru:** XA 78/10

**Stati Membri:** Il-Belġju

**Reġjun:** Vlaanderen

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Bioweek 2010

**Bażi legali:** Subsidiebesluit voor het project „Bioweek 2010" van Bioforum Vlaanderen vzw (mehmuż).

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 0,075 miljun

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-intensità massima tal-għajnuna hija 50 % tal-ispejjeż ippruvati tal-proġett tal-għajnuna mressaq. L-ispejjeż ġenerali mhumiex eliġibbli għall-għajnuna.

**Data tal-implimentazzjoni:** L-għajnuna mhux se tingħata sakemm id-deċiżjoni tal-għajnuna ma tkunx ġiet iffirmata mill-Ministru u ma jkunux ġew kommessi l-appropjazzjonijiet tal-baġit (tmiem April/bidu ta' Mejju 2010). Se jiġi osservat il-prinċipju ta' sospensjoni (stand-still).

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** L-għajnuna se tingħata fil-ħin għall-Bioweek (mill-5 sat-13 ta' Ġunju 2010).

**Għan tal-għajnuna:**

L-għajnuna se tingħata lill-Bioforum biex tippermettilu jorganizza l-Bioweek f'Ġunju 2010 u għalhekk, jgħarraf lill-pubbliku ġenerali dwar il-biedja organika. L-iskema tinvolvi, b'mod partikolari, l-iżvilupp strateġiku ta' kampanja ta' riklamar u attivitajiet tal-istampa u l-organizzazzazzjoni tal-ġestjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' kwalità għolja.

L-għajnuna għandha tingħata skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-għajnuna tista' tkopri sa 100 % tal-ispejjeż li ġejjin:

L-Artikolu 15(2)(c) Għajnuna li tikkonċerna servizzi ta' konsultazzjoni pprovduti minn partijiet terzi;

L-Artikolu 15(2)(e) Għajnuna għall-informazzjoni fattwali dwar sistemi ta' kwalità miftuħa għall-prodotti minn pajjiżi oħrajn, fuq prodotti ġeneriċi u fuq il-benefiċċji nutrittivi ta' prodotti ġeneriċi u l-użi ssuġġeriti tagħhom;

L-Artikolu 15(2)(f) Għajnuna għall-pubblikazzjonijiet bħal katalogi jew siti tal-internet li jippreżentaw informazzjoni fattwali dwar prodotti minn ċertu reġjun jew produtturi ta' ċertu prodott, sakemm l-informazzjoni u l-preżentazzjoni jkunu newtrali u l-produtturi konċernati kollha għandhom l-istess opportunitajiet biex jiġu rrappreżentati fil-pubblikazzjoni. L-għajnuna se tingħata biss għall-attivitajiet u għall-materjal ta' informazzjoni fejn ma ssir l-ebda referenza għall-oriġini tal-prodott.

L-iskema ma tipprovdi l-ebda għajnuna għal finijiet ta' riklamar.

Se jiġu osservati l-partijiet kollha tal-Artikolu 15.

**Settur jew setturi benefiċjarji:**

Il-biedja organika

L-għajnuna se tingħata biss lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Departement Landbouw en Visserij
Afdeling Duurzame Landbouwontwikkeling
Koning Albert II-laan 35, bus 40
1030 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Indirizz tal-Internet:**

http://lv.vlaanderen.be/nlapps/docs/default.asp?id=1629

**Informazzjoni oħra:** —

Jules VAN LIEFFERINGE

*Is-Segretarju Ġenerali*

---

**Għajnuna Nru:** XA 82/10

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Il-Komunità ta' Valencia

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Asociación criadores caballos de pura raza española de la Comunidad Valenciana

**Bażi legali:** Resolución de 2010, de la Consellera de Agricultura, Pesca y Alimentación,por la que se concede una subvención nominativa a la Asociación de criadores de caballosde pura raza española de la Comunidad Valenciana (PRECVAL)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 110 000 matul l-2010.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** matul l-2010

**Għan tal-għajnuna:** Implimentazzjoni tal-Pjan għall-promozzjoni u t-tixrid taż-żiemel ta' razza pura mrobbi fil-Komunità ta' Valencia (l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006). Tkopri wkoll l-ispejjeż imnissla mill-implimentazzjoni tal-programm ta' tixrid tal-użu taż-żiemel ta' razza pura, u mill-organizzazzjoni ta' avvenimenti ekwestri għal dan il-għan (l-Artikolu 15).

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-sidien taż-żwiemel ta' razza pura Spanjola u dawk li jrabbuhom.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:** Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/precval2010.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 83/10

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Il-Komunità ta' Valencia

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Centro de Apoyo Tecnológico Lácteo (CEATEL)

**Bażi legali:** Resolución de 2010, de la Cosellera de Agricultura, Pesca y Alimentación, por la que se concede una subvención nominativa al Centro de Apoyo Tecnológico Lácteo (CEATEL).

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 60 000 matul l-2010.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %, 70 % jew 40 %, skont l-għan eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Matul l-2010

**Għan tal-għajnuna:**

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta'Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001.

— Artikolu 15(2)(a)

— Artikolu 16(1)(a)

— Artikolu 14(2)(b)

— Artikolu 16(1)(b)

— Artikolu 16(1)(c)

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Il-bdiewa produtturi tal-ħalib fil-Komunità ta' Valencia kollha.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación
C/ Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/ceatel2010.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 84/10

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Il-Komunità ta' Valencia

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Laboratorio Interprofesional Lácteo de la Comunidad Valenciana (LILCOVAL).

**Bażi legali:** Resolución de 2010, de la Consellera de Agricultura, Pesca y Alimentación, por la que se concede una subvención nominativa al Laboratorio Interprofesional Lacteo de la Comunidad Valenciana.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 25 000 matul l-2010.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** matul l-2010.

**Għan tal-għajnuna:**

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001.

— Artikolu 14(2)(a)

— Artikolu 14(2)(b)

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-sidien ta' azjendi tal-produzzjoni tal-ħalib u l-organizzazzjonijiet tagħhom.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación
C/ Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/lilcoval2010.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 85/10

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Il-Komunità ta' Valencia

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Ayuda al Centro de Calidad Avícola y Alimentación Animal de la C.V. (CECAV)

**Bażi legali:** Resolución de 2010, de la Consellera de Agricultura, Pesca y Alimentación, por la que se concede una subvención nominativa al Centro de Calidad Avícola y Alimentación Animal de la Comunidad Valenciana (CECAV)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 28 000 matul l-2010.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** matul l-2010.

**Għan tal-għajnuna:**

l-għoti ta' servizzi lil dawk li jrabbu t-tjur tal-Komunità ta' Valencia kif ukoll l-organizzazzjonijiet tagħhom.

L-infiq eliġibbli għall-għajnuna huwa konformi ma' Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fir-rigward ta' għoti ta' servizzi lis-settur tal-bhejjem f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tal-fatturi ta' produzzjoni, il-prodotti intermedjati u finali, il-verifiki fuq is-saħħa tal-annimali kif ukoll l-introduzzjoni ta' proċeduri li jiżguraw il-kwalità fis-settur tal-bhejjem.

L-infiq eliġibbli u l-perċentwal tal-għajnuna huma dawk stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni rilevanti.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-sidien ta' azjendi tat-tjur fil-Komunità ta' Valencia u l-organizzazzjonijiet tagħhom.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación
C/ Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/cecav2010.pdf

**Informazzjoni oħra:** —